MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Rikors Numru. 431/2012

Kawza fil-lista: 43

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur pprezentat fl-24 ta' Lulju 2012 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg tieghu minn mal-konvenuta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tas-27 ta' Awissu 2012 li permezz taghha resqet dawn l-eccezzjonijet:-

1. Illi ma jirrizultawx l-estremi tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 mehtiega ghad-divorzju.

2. Illi mhux qed jithallas manteniment adegwat u li l-manteniment ma giex mizjud kif jitlob il-kuntratt tas-separazzjoni.
3. Illi l-konvenuta qed tikkontesta l-validita' legali tal-artikoli 66A sal-artikolu 66N tal-Kodici Civili peress li skond il-konvenuta jiksru l-Artikolu 40 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

Rat illi b'digriet tal-21 ta' Marzu 2013 l-Qorti cahdet rikors ipprezentat mill-konvenuta fl-20 ta' Novembru 2012 fejn talbet li ssir referenza kostituzzjonali

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat;

Illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 xhed l-attur fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors tieghu. B'referenza ghall-eccezzjoni tal-konvenuta illi mhux qed jithallas manteniment skond il-kuntratt, l-attur xhed illi huwa jhallas ammont li jissupera dak li l-kuntratt jobbligah li jeffettwa.

Illi fis-seduta tal-10 ta' April 2013, li kienet intiza ghall-provi tal-konvenuta, il-legali tal-konvenuta iddikjara li l-konvenuta ma kienx behsieba tixhed u ghalhekk l-istadju tal-provi gie dikjarat maghluq.

Ikkonsidrat;

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fis-16 ta' Dicembru 1982, minn liema zwieg kellhom hamest itfal illum kollha maggorenni.

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Nicholas Vella fis-27 ta' Lulju 2004 u ghalhekk ilhom separati ghal aktar minn erba' snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalkemm il-konvenuta resqet eccezzjoni fir-rigward tal-manteniment irrizulta li fil-fatt il-manteniment li jithallas huwa adegwat in kwantu huwa konformi mal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi.

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------